**30 ta' Mejju, 1958**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding. K.M., B.Litt., LL.D.**

John La Rosa ne.

*versus*

Carmelo Galea

**Kuntratt — Appalt — Korrispondenza — Silenzju tal-Partijiet — Mandat — Ratifika — Art. 1982(2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk wiehed jordna xoghol lil hadd iehor, u jallega li kien hemm ftehim li dak l-iehor kellu jithallas mill-War Damage Commission, ma j'stghax isostni dak il-ftehim billi juri illi xi kuntratturi ohra aċċettaw xoghol b'patt simili; x'ghamlu kuntratturi ohra, u xi xtaq li jsir il-kommittent, ma jghodd xejn; dak li jghodd huwa l-ftehim li fil-fatt ikun sar bejn il-komm'ttent u l-appaltatur.*

*Hu veru li l-mandant ma jirrispondix ghal dak li l-mandatarju jaghmel barra l-limiti tas-setghat li jkun tah il-mandant hlief fil-każ li hu jkun irratif'ka l-ghemil tal-mandatarju imma din ir-ratif'ka, barra milli espressa, tista' tkun anki taċita. U jekk f'korrispondenza li kellu mal-appaltatur il mandant jiehu atteġġjament ta' silenzju u inazzjoni, u ma jfisserx lill-appaltatur li hu ma japprovax dak li ghamel*

*f'ismu l-mandatarju, il-mandant jiġi li rratifika taċitament l-operat tal-mandatarju.*

*Għax hu prinċipju illi "qui tacet cum loqui potuit et debuit consentire videtur"; u għalhekk, jekk il-mandant kien jaf, jew seta' jinduna u nduna, li l-mandatarju eċċeda l-limiti tal-mandat, u ħallieh ikomplieh u jeżegwieh, allura jiġi li rratifika l-operat tiegħu. B'mod illi, jekk il-mandatarju jtihem mal-appaltatur f'isem il-mandant f'termini diversi minn dawk li ried il-mandant, u dan induna b'dan il-fatt u ma tkellem xejn, u ħalla l-ftehim jiġi eżegwit kif għamlu l-mandatarju, huwa jiġi li rratifika dak il-ftehim. Biss, ikun kompitu tal-Qorti li tiddeċidi, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jekk kienx il-każ li l-mandant kellu l-obbligu li jitkellem, u jekk is-silenzju tiegħu jimportax dik ir-ratifika.*

*U dan hu aktar u aktar il-każ meta l-mandant aċċetta minn għand l-appaltatur ix-xogħol kif jtihem dwaru l-mandatarju; u jekk il-mandatarju jkun eċċeda l-mandat, il-mandant ma għandux dritt jimmodifika l-kuntratt kif ikkonkjudieh il-mandatarju, imma għandu jew jaċċettah kollu jew jirrespinġieh kollu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija talab illi, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti li jħallsu s-somma ta' £24 lilu dovuta għall-provvista ta' materjal u xogħol ta' rħam magħmul fuq ordni tal-istess konvenut fil-ħanut nru. 136 Pawla Square, Pawla. Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Settembru 1957, kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha allega illi huwa ma ta ebda nkarigu lill-attur; huwa biss inkariga lil Carmelo Carabott li jsiblu bniedem li jaċċetta jaħdem bil-prezz tal-War Damage u li jitħallas wara li hu jdaħħal il-flus mill-War Damage. Għalhekk id-domanda tal-attur hi infondata; u anki intempestiva, għax hu għadu ma daħħalx il-flus mill-War Damage;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Jannar 1958, li biha, prevja ċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fost-hom dik tal-intempestività tal-azzjoni, ġiet milqugħa t-talba tal-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut: wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut inkariga lil Carmelo Carabott biex isiblu lil xi ħadd biex jagħmillu x-xogħol imsemmi fiċ-ċitazzjoni, ċjoè soll ta' rħam fil-bieb ta' ħanut tiegħu. Carabott sab lill-attur, qallu li kien bagħatu l-konvenut, u staqsieh jekk riedx jagħmel ix-xogħol. Wara li permezz ta' sieħbu, s-soċju Raffaele Accarino, eżamina x'kellu jsir, l-attur informa lil Carabott li x-xogħol kien lest biex jagħmlu, u allura Carabott qallu biex qabel jibgħat stima tax-xogħol lill-konvenut, kif l-attur effettivament għamel. L-ittra li bagħat il-konvenut lill-attur ġietu lura, għaliex fuqha kunjom il-konvenut kien niżżlu bħala "Gauci" minflok "Galea"; imma wara li sar jaf minn għand Carabott li kunjom il-konvenut kien "Galea", l-attur bagħat lill-konvenut bil-kunjom korrett l-istess ittra (dok. 7 tal-proċess), u din id-darba dik l-ittra ma reġgħetx lura. Carabott jgħid li l-konvenut qallu li kien irċieva dik l-ittra, li kien fiha l-istima jew il-prezz tax-xogħol li kellu jsir, u bagħtu jgħid lill-attur li kien kollox sewwa u x-xogħol seta' jagħmlu;

Billi d-ditta attriċi kellha mpenji oħra, iddawret ma bdiet ix-xogħol, u għalhekk dan illamenta ma' Carabott. Dan qallu biex jara jsibx lil ħaddieħor, imma l-konvenut insista miegħu biex ix-xogħol jagħmlu l-attur, u għalhekk huwa mar għandu, u f'isem il-konvenut qallu li, jekk idum ma jagħmel ix-xogħol, ma jagħmlu xejn. L-attur allura beda u lesta dak ix-xogħol. Huwa bagħat diversi drabi l-kont lill-konvenut, imma dan qatt ma kellmu, u ma ħallsux;

Illi l-konvenut xehed li huwa lill-attur mhux ma jridx iħallsu, imma ma jistgħax iħallsu għaliex flus ma għandux, u li lil Carabott kien qallu li lil min isib biex jagħmel ix-xogħol jgħidlu li kellu jagħmlu bil-prezz tal-War Damage Commission u jħallsu wara li l-Kummissjoni tkun ħallset għalieh il-kumpens dovut; għalhekk hu jissottometti li l-

azzjoni tal-attur hi intempestiva, għaliex huwa għadu ma rċeviex dak il-kumpens; u li jekk Carabott lill-attur ma qallux bl-imsemmija kondizzjoni li qallu jagħmel, Carabott eċċeda l-inkarigu li tah, u kwindi huwa hu li għandu jkun tenut responsabbli għall-ħlas lejn l-attur; u li huwa minn għand l-attur irċieva biss il-kontijiet għall-ħlas tax-xogħol, imma l-ittra bil-prezz ma rċevihiex;

Illi jirriżulta soddisfaċentement mix-xhieda ta' Carabott li l-konvenut irċieva l-imsemmija ittra bil-prezz jew stima tax-xogħol minn qabel ma nbeda l-istess xogħol. Din iċ-ċirkustanza tirriżulta wkoll mix-xhieda tal-attur. Ma tantx hu verosimili li l-konvenut kellu jirċievi l-kontijiet kollha minn għand l-attur u ma jirċevix dik l-ittra biss. Kif xehed l-attur, fuq l-envelope għandhom l-isem u l-indirizz tad-ditta, u ebda ittra li nbagħtet lill-konvenut ma reġgħetlu lura ħlief l-ewwel waħda, li, kif ingħad, kellha l-kunjom tal-konvenut imniżżel ħażin;

Stabbilit li l-konvenut irċieva dik l-ittra, is-sottomissjonijiet tal-konvenut jitilfu kull fondament. Infatti, f'dik l-ittra jingħad sempliċement li d-ditta attriċi aċċettat li tagħmel ix-xogħol, li ġie wkoll deskritt kif kellu jsir, bilprezz ta' £24; u ma ngħadx ukoll li kienet lesta taċċetta tirċievi dak il-prezz meta l-konvenut jiġi mħallas mill-War Damage Commission il-kumpens għal dak ix-xogħol; kif lanqas li għall-istess xogħol kienet lesta tirċievi l-ħlas skond kif tħallas dik il-Kummissjoni. Għalhekk, anki jekk tassew il-konvenut għal dak ix-xogħol lil Carabott kien qallu, kif jgħid huwa, imma li Carabott jinnega, biex lil min jinkariga għalieh jgħidlu li l-ħlas kellu jkun dak li tagħti l-War Damage Commission, u li kellu jiġi effettwat wara li l-Kummissjoni tħallas għalieh, meta rċieva dik l-ittra huwa kellu jinduna li Carabott ma kienx ftihem mal-attur fit-termini minnu voluti, u għalhekk kien messu mar personalment għand l-attur, jew kitilbu direttament, biex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu, u mhux jagħmel kif irriżulta li għamel, ċjoè jibgħat lil Carabott biex jgħid lill-attur li kien kollox sewwa u li seta' jagħmel ix-xogħol. B'dik ir-risposta adeżiva għall-proposta tal-attur kontenuta f'dik l-ittra, il-konvenut ġie aċċetta li x-xogħol isir bil-prezz ta' £24, jiġifieri

mhux bil-prezz li tħallas il-Kummissjoni, u mingħajr ebda kondizzjoni li l-ħlas isir wara li tħallas l-istess Kummissjoni;

Wara kollox, il-konvenut ma għadux jinsisti, jekk qatt seta' jinsisti, fuq l-ewwel kondizzjoni allegata minnu, ċjoè li kellu jħallas għax-xogħol dak l-ammont li tagħti l-War Damage Commission; dan jirriżulta mix-xhieda tiegħu, fejn qal li l-£24 mhux ma jridx iħallashom jew ma għandux iħallashom, imma li ma jistgħax iħallashom għax flus ma għandux. Il-konvenut baqa' jinsisti biss fuq il-kondizzjoni l-oħra minnu allegata, ċjoè li l-ħlas lill-attur kellu jeffettwahulu meta jirċievi l-kumpens mill-War Damage Commission. Apparti, però, dak li ġa ntqal, lanqas jidher li l-konvenut seta' jimponi dik il-kondizzjoni; għaliex, kif deher mill-provi, mhux ċert li l-Kummissjoni tħallas għal dak ix-xogħol, billi mhux magħruf jekk qabel il-gwerra s-soll kienx ta' rħam, u, jekk tħallas, tagħtix bħala kumpens is-somma kollha tal-prezz mitlub mill-attur. Dan barra mill-fatt li, milli jidher, l-iskeda tax-xogħolijiet li għandhom isiru fil-fond ma tikkomprendix ix-xogħol magħmul mid-ditta attriċi; f'liema każ, il-konvenut ma jistgħax jitlob kumpens għalieh; u dawk ix-xogħolijiet għad lanqas ma ngħata bidu għalihom;

Rat in-nota tal-konvenut, li biha appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u jiġi deċiż fis-sens li hu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, peress li l-azzjoni hija intempestiva; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Semgħet xhud u semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

Fuq l-apprezzament tal-provi din il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma taqbilx mal-Ewwel Qorti. Jista' jkun veru, anzi aktarx huwa veru, kif jidher mill-provi, illi l-konvenut xtaq illi l-kuntratturi li kienu sejrin jagħmlu x-xogħol fil-fond detenut minn Carabott, jitħallsu skond il-prezzijiet approvati mill-War Damage Commission, u meta din tħallas

lill-konvenut. Xi kuntraturi aċċettaw dawn il-proposti, e.g. Schembri (fol. 40). Iżda dak li hu importanti għal din il-kawża mhux x'għamlu kuntratturi oħrajn, u xi xtaq fil-bidu l-konvenut, iżda xi ftehim sar mal-attur. Dan, kif xehed sieħbu Accarino (fol. 17), qatt ma aċċetta ebda proposta simili. Infatti, huwa kiteb direttament lill-konvenut l-ittra fol. 7 tal-proċess, li tispeċifika l-prezz li hu ried tax-xogħol, u li ma fiha ebda żmien għall-ħlas dipendenti minn meta tħallas il-War Damage Commission. Il-konvenut xehed illi dik l-ittra hu ma rċevihiex (fol. 37), imma din il-Qorti taqbel mal-ewwel waħda illi l-provi juru l-kuntrarju;

Oltre r-raġunijiet miġjubin fis-sentenza appellata, prova oħra ndiretta li dik l-ittra fil-fatt wasiet għand il-konvenut irriżultat mix-xhud li mstama' minn din il-Qorti. L-ittra oriġinarjament inkitbet fis-26 ta' Novembru 1956. Imħabba l-kunjom tal-konvenut destinatarju nkiteb "Gauci" f'lok "Galea," l-ittra ġiet imreġġgħa lura lill-attur. Għadda xi żmien, u wara li l-attur induna x'kien l-iżball minn għand Carabott, hu reġa' bagħat dik l-ittra bil-kunjom tajjeb (fol. 39). Dan kien, bifors, għall-ħabta ta' nofs Diċembru 1956. Issa, irriżulta mix-xhieda ta' Lewis Camilleri illi, appuntu fis-26 ta' Diċembru 1956 il-perit tal-konvenut għamel il-"pricing" tad-"Descriptive Schedule" preżentata lill-War Damage Commission, u għar-rigward tax-xogħol li kellu jaħdem l-attur indika l-prezz ta' £24, li kellu jinkludi r-"risers" u l-"concrete threshold". Dawn huma preċiżament il-prezz u l-"items" indikati bl-istess kliem fl-ittra in kwistjoni, u ma setgħux ħlief ġew forniti lill-perit mill-konvenut għab-bażi ta' dik l-ittra;

Ġa ladarba dik l-ittra ġiet riċevuta mill-konvenut, hu ma jistgħax jippretendi li javvantaġġja ruħu mill-istruzzjonijiet li suppost kien ta fill-bidu lil Carabott. Apparti milli Carabott xehed illi, wara li l-konvenut kien irċieva dik l-ittra, hu bagħtu biex jgħid lill-attur li "kollox sewwa" (fol. 33), u ma qallux biex jgħid lill-attur "basta jitħallas mill-War Damage Commission" (fol. 34), il-fatt hu illi b'dik l-ittra inħoloq rapport dirett bejn l-attur u l-konvenut, b'mod illi dan ma setgħax aktar jeħles mill-obligazzjonijiet tiegħu

lejn l-attur billi jakkampa eċċess ta' mandat da parti ta' Carabott;

Skond l-art. 1982(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-mandant mhux obligat għal dak li l-mandatarju jagħmel barra l-limiti tas-setgħat li jkun taħ, ħlief jekk hu jkun irratifika, espressament jew taċitament, dak l-għemil. Issa, meta l-konvenut irċieva dik l-ittra tal-attur, hu ma setgħax ma ndunax li Carabott ma kienx osserva l-pattijiet li hu — kif jgħid — kien għamillu. Infatti, il-konvenut innifsu xehed li kien induna (fol. 36). F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-inazzjoni u s-silenzju tiegħu għandhom, fil-konfront tal-attur, jitqiesu bħala ratifika taċita da parti tiegħu ta' dak li kien għamel Carabott. Hija dottrina komuni illi f'ċerti ċirkustanzi anki s-sempliċi silenzju tal-mandant jista' jinduċi ratifika tal-operat tal-mandatarju, in bażi għall-prinċipju "qui tacet cum loqui potuit et debuit consentire videtur". Kif jgħid iż-Zachariae, "si ammette generalmente poter (ir-ratifika taċita) emergere dal solo silenzio serbato da chi, conoscendo che un affare è stato cominciato fuori i limiti del mandato da lui conferito, lascia il suo mandatario compierlo e menarlo a termine" (Il Diritto Civile Francese", Vol. V, § 755, n. 4. Ara wkoll Laurent, Vol. 28, § 71; Baudry-Lacantinerie, Vol. XXIV, § 785; u Giorgi, Vol. III, p. 220 et seq.). Imiss lill-Qrati li jiddeċidu meta jiġri dan skond ir-riżultanzi tal-fatt;

Fil-każ preżenti, din il-Qorti tirritjeni illi l-konvenut, wara li rċieva l-ittra tal-attur, kellu l-obligu, jekk ma riedx jaċċetta l-ftehim kif kien propost fiha, ċjoè mingħajr ebda pattijiet speċjali, jiddiffida lill-istess attur; u n-nuqqas tiegħu li jagħmel dan jimporta aċċettazzjoni ta' dak il-ftehim. Dan huwa aktar u aktar hekk meta wieħed jikkunsidra illi l-konvenut aċċetta x-xogħol magħmul mill-attur, tant illi, fil-proċeduri preżenti, hu jammetti d-debitu tiegħu, u muhwiex jinsisti ħlief fuq is-support patt inċidentali taż-żmien tal-ħlas. "Induce conferma del fatto del mandatario e dei patti da lui conclusi, l'aver accettato dal terzo contraente la prestazione che corrispettivamente col mandatario aveva stabilito" (Fadda, art. 1752, n. 179). Intqal ukoll illi "ancorchè il mandatario abbia ecceduto il manda-

to, il mandante non ha diritto di modificare il contratto che il mandatario ha conchiuso col terzo, ma lo deve o tutto respingere o tutto accettare" (ibidem, no. 8);

Għal dawn il-motivi, u għal dawk miġjubin fis-sentenza appellata, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.